MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 126/1997/1

Korporazzjoni Telemalta, u b'nota tal-5 ta' Ottubru, 1999 is-socjeta' Maltacom Plc assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok il-Korporazzjoni Telemalta li taghha hija s-successur ex lege .

vs

Tony Vella, u b'degriet tad-9 ta' Gunju, 1998 gew kjamati fil-kawza Savio Spiteri f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpanija Gourmet Company Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz li permezz tiegħu l-korporazzjoni attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' disa' mija u tlieta u erbghin lira maltin u sebghin centezmu (Lm943.70), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 556983 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dokument "A") liema

servizz gie stallat fil-fond 1, Xlendi Beach, Xlendi, Gozo skond ma kif jidher mill-kopja tas-'service agreement' hawn anness Dokument B .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar, 1997, t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi d-domandi attrici huma totalment inforndati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-esponenti in kwantu ghalkemm huwa veru illi huwa kien originarjament il-persuna illi applikat ghas-servizz tat-telefon 556983, huwa kien trasferixxa dan is-servizz ghal fuq isem Savio Spiteri f;ismu jew bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija "Gourmet Company Limited" f'xi zmien fl-1992, u kien biss dan Savio Spiteri illi utilizza dan is-servizz minn dak iz-zmien 'il quddiem . Kwindi it-talbiet attrici ghandhom jigu rivolti lil dan Savio Spiteri proprio jew nomine u mhux lill-esponenti .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Ġunju 1998 fejn laqgħet it-talba għall-kjamata fil-kawża ta' Savio Spiteri f'ismu proprju u għan-nom tal-kumpanija Gourmet Company Limited .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża Savio Spiteri proprio et nomine fejn eċċepixxa illi :

1. Illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-Korporazzjoni Attrici u l-esponenti billi s-"service Agreement" (Dok B) huwa mal-konvenut u hadd aktar u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub eccessiv u esagerat.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt .

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' Mejju 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trattazzjoni tal-legali tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-Korporazzjoni Telemalta, illum Maltacom plc. qed tfittex il-ħlas għal pendenzi ta' kontijiet tat-telephone nstallat fil-fond numru wieħed Triq Marina, x-Xlendi, ġia magħruf bħala "Tal-Kantra Restaurant", imbagħad bħala l-"Gourmet Bar and Restaurant" . Il-konvenut qed jikkontendi illi matul il-perijodu kopert bil-kontijiet in kwistjoni huwa ma kellux il-pussess tal-fond fejn kien ġie installat is-servizz tat-telephone li dwaru qed jintalab il-ħlas . Infatti huwa kien anke pprova jdawwar l-isem tal-persuna li fuqha kellu jkun reġistrat dan it-telephone, permezz ta' applikazzjoni għal *retention,* imma ma sab ebda kooperazzjoni da parti tal-kjamat fil-kawża . Għalhekk it-telephone in kwistjoni baqa' reġistrat fuq ismu, sakemm is-servizz ġie maqtugħ minħabba nuqqas ta' pagament[1] .

Infatti kif ġie anke spjegat minn Joseph Debrincat u Joseph Azzopardi, impjegati tas-socjeta' attriċi, minkejja illi l-attur anke hallas id-depozitu rikjest meta ssir talba simili, billi dak li fuqu kellu jiġi reġistrat it-telephone baqa' ma indikax l-aċċettazzjoni tiegħu permezz ta' firma fuq il-formula ta' l-applikazzjoni opportuna, r-*registered*

[1] Ara depożizzjoni ta' l-attur u ircevuta a fol 33 tal-process. .

*subscriber* baqa' l-applikant oriġinali, u cioe' l-konvenut . Fil-każ in eżami jirriżulta mid-dokumenti esebiti illi l-konvenut kien applika għas-servizz tat-telephone fl-indirizz indikat tax-Xlendi, fit-18 ta' Ġunju 1985 u fid-29 ta' Lulju 1986[2] .

Infatti minħabba f'hekk il-kjamat fil-kawża proprio et nomine jeċċepixxi n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnu u s-soċjeta' attriċi appuntu għaliex is-"service agreement" kien u baqa' dejjem isejjaħ lill-konvenut .

F'tali ċirkostanzi l-Qorti m'għandha ebda għażla għajr illi tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawża, u għalkemm mid-depożizzjoni ta' Savio Spiteri stess jidher illi huwa jew xi kumpanija tiegħu setgħu kellhom tassew il-ġestjoni tal-fond fejn kien hemm stallat it-telephone in kwistjoni fil-perijodu li għalieh qed jintalab il-ħlas, ċertament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol f'indaġini sabiex tara x'kienu eżattament ir-relazzjonijiet ta' bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża f'dik l-epoka, ġialadarba kull ma setgħu għamlu l-istess konvenut u l-kjamat fil-kawża, huwa *res inter alios acta* safejn jikkonċerna s-soċjeta' attriċi u m'għandu jeffetwa bl-ebda mod ir-relazzjoni li hija kellha mal-konvenut bħala s-*subscriber* tagħha sakemm inqata' s-servizz . Ġialadarba l-konvenut naqas li jagħti struzzjonijiet li jinqala' s-servizz mill-fond fejn kien ġie stallat dan it-telephone, wara li ma kien hemm ebda reazzjoni da parti tal-kjamat fil-kawża, u b'hekk jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilta' għall-ħlas għall-uzu li seta' eventwalment jibqa' jsir mill-istess telephone, m'għandu ebda għażla oħra ħlief li jħallas l-ammont dovut . Is-somma mitluba f'dan l-Avviz ġiet korroborata b'diversi *statements* prodotti mis-soċjeta' attrici,[3] u għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tiġi milqugħa fil-konfront tal-konvenut .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tillibera lill-kjamat fil-kawża proprio et nomine mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut u

[2] Dokti. JD. 2 u 3 a fol. 46, 47 .
[3] ara Dokti. JD. 1 a fol. 20 u Dok. JD. 2 a fol. 21 .

tikkundannah iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disa' mija tlieta u erbgħin lira maltija u sebgħin ċenteżmu (Lm943.70), rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telephone stallat fil-fond 1, Xlendi Beach, Xlendi, Għawdex, salv u impreġudikati d-drittijiet talvolta spettanti lill-istess konvenut kontra l-kjamat fil-kawża proprio et nomine .

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tad-9 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------